Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Marzu 2023**
**(OR. fr)**

**7321/23**

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2022/0906 (COD)**
**2023/0070 (COD)**

**JUR 190**
**COUR 2**
**INST 57**
**CODEC 351**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 10 ta' Marzu 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 135 final |
| Suġġett: | OPINJONI TAL-KUMMISSJONI dwar l-abbozz ta' emenda tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat mill-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Novembru 2022 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 135 final.

Mehmuż: COM(2023) 135 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2023
COM(2023) 135 final

2023/0070 (COD)

# OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**dwar l-abbozz ta' emenda tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat mill-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Novembru 2022**

**OPINJONI TAL-KUMMISSJONI**

**dwar l-abbozz ta' emenda tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat mill-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Novembru 2022**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 281(2) tiegħu,

1. Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill talba skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") biex jiġi emendat il-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("l-Istatut"). Il-parti prinċipali ta' din it-talba hija li tintuża l-possibbiltà prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 256(3) TFUE u li tiġi ttrasferita lill-Qorti Ġenerali l-kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni tad-domandi preliminari magħmula skont l-Artikolu 267 TFUE f'ċerti materji speċifiċi ddeterminati mir-Regolamenti tal-Persunal. Għal dan l-għan jiddaħħal Artikolu 50b ġdid fir-Regolamenti tal-Persunal. It-tieni parti tikkonsisti fil-proposta biex jiġi estiż il-mekkaniżmu li jippermetti li l-appelli jitħallew jipproċedu previst fl-Artikolu 58a tal-Istatut, dispożizzjoni li tiġi kkonsolidata u sostitwita. Dawn iż-żewġ partijiet huma akkumpanjati minn proposta għal emenda speċifika tal-Artikolu 50 tal-Istatut dwar il-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali.

## I. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

2. Kif tispjega l-Qorti tal-Ġustizzja fit-talba tagħha u fil-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaha, il-parti prinċipali ta' din it-talba ssegwi r-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni deċiża fl-2015, li wasslet għall-irduppjar tan-numru ta' mħallfin tal-Qorti Ġenerali[1]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tindika ż-żieda sinifikattiva fin-numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari u l-estensjoni gradwali tat-tul tal-proċeduri. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar ukoll li t-tisħiħ tal-Qorti Ġenerali, intiż minn din ir-riforma, issa tlesta kompletament u li l-Qorti Ġenerali bdiet tadatta l-metodi ta' ħidma tagħha sabiex issaħħaħ il-koerenza u l-effettività tal-proċeduri li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha. Fir-rigward tat-tieni parti tat-talba, il-Qorti tal-Ġustizzja tipproponi li testendi l-mekkaniżmu, introdott fl-2019[2], għall-ammissjoni tal-appelli minn sentenzi jew digrieti tal-Qorti Ġenerali, li jinkludi, minn naħa, Bordijiet tal-Appell oħra indipendenti mill-korpi jew mill-organi tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, il-kawżi msemmija fl-Artikolu 272 TFUE dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt li jinkludi klawżola ta' arbitraġġ.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiġġustifika din it-talba abbażi tal-ħtieġa li ż-żewġ qrati jkunu jistgħu jwettqu bis-sħiħ il-kompiti assenjati lilhom mit-Trattati, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi deskritti fil-paragrafu preċedenti.

4. Il-Kummissjoni tikkondividi bis-sħiħ l-objettiv ta' din ir-riforma.

5. Huwa tabilħaqq essenzjali li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun kapaċi twettaq bis-sħiħ ir-rwol tagħha bħala l-korp ġudizzjarju suprem tal-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, hija għandha

---

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 341, 24.12.2015, p. 14).

[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2019/629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2019 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 111, 25.04.2015, p. 1).

tkun tista’ tiffoka iktar fuq kawżi li jqajmu kwistjonijiet ta’ importanza fundamentali għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, billi tkun tista’ tiddedika r-riżorsi kollha meħtieġa għat-trattament ta’ dawk il-kawżi u, b’mod partikolari, fejn meħtieġ, billi tkun tista’ tapprofondixxi d-djalogu mal-qrati nazzjonali, inklużi l-qrati tal-aħħar istanza, sabiex tiġi żgurata l-unità tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

6. Barra minn hekk, jidher li huwa essenzjali li mhux biss ir-riżorsi addizzjonali tal-Qorti Ġenerali li jirriżultaw mir-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea iżda wkoll il-kompetenza speċifika tal-Qorti Ġenerali fit-trattament ta’ kawżi tekniċi u kumplessi għandhom jitqiegħdu kompletament għas-servizz tal-individwi.

7. Għal dawn ir-raġunijiet u fid-dawl taż-żieda kontinwa fin-numru ta’ talbiet għal deċiżjoni preliminari, li għandhom jiġu ttrattati malajr sabiex il-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jiggarantixxu lill-individwi r-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv, il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti tal-Ġustizzja li, minkejja d-diffikultajiet inerenti għal tali operazzjoni, sar neċessarju li l-ġurisdizzjoni sabiex tingħata risposta għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari tinqasam bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali. Madankollu, il-Kummissjoni tagħmel xi kummenti hawn taħt dwar din il-parti prinċipali tat-talba mressqa mill-Qorti tal-Ġustizzja.

8. Fir-rigward tat-tieni parti tar-riforma u l-emenda *ad hoc* tal-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni m’għandha l-ebda rimarki partikolari x’tagħmel u hija f’pożizzjoni li tagħti opinjoni favorevoli dwar dan is-suġġett.

## II. Fuq it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni tad-domandi preliminari magħmula skont l-Artikolu 267 TFUE f’ċerti materji speċifiċi

### II.1 Għażla u delimitazzjoni ta’ materjali speċifiċi

9. Fl-għażla tagħha ta’ kwistjonijiet speċifiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega li hija kienet iggwidata minn erba’ parametri, jiġifieri, l-ewwel nett, il-ħtieġa li dawn il-kwistjonijiet ikunu identifikabbli b’mod ċar u suffiċjentement dissoċjabbli; it-tieni nett, li jqajmu ftit kwistjonijiet ta’ prinċipju; it-tielet nett, li diġà hemm ġurisprudenza sostanzjali; u, ir-raba’ nett, li din l-għażla tippermetti t-trasferiment ta’ numru suffiċjentement kbir ta’ rinviji għal deċiżjoni preliminari. Abbażi ta’ dawn il-parametri, il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat il-kwistjonijiet speċifiċi li ġejjin: is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud; id-dazji tas-sisa; il-kodiċi doganali u l-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-nomenklatura magħquda; kumpens u assistenza għal passiġġieri; kif ukoll skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjoni ta’ gassijiet serra.

10. Il-Kummissjoni taqbel mal-għażla tal-parametri użati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Iż-żieda ta’ parametri oħra, bħan-nuqqas ta’ implikazzjonijiet baġitarji sinifikattivi ta’ kawżi relatati mal-kwistjonijiet speċifiċi inkwistjoni, tikkompromettі l-għan tat-trasferiment lill-Qorti Ġenerali ta’ numru suffiċjentement kbir ta’ deċiżjonijiet preliminari sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiġi meħlusa u sabiex il-Qorti Ġenerali tkun tista’ tiżviluppa prattika reali u sinifikattiva. Il-Kummissjoni għalhekk tilqa’ l-għażla ta’ oqsma speċifiċi identifikati. B’mod partikolari, hemm ġurisprudenza importanti f’dawn l-oqsma li fuqhom tista’ tibbaża ruħha l-Qorti Ġenerali, anki jekk, kif inhu l-każ fl-oqsma kollha tad-dritt tal-Unjoni, dawk l-oqsma

jistgħu jkunu suġġetti għal bidliet leġiżlattivi li jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiżviluppa ġurisprudenza ġdida[3].

11. Il-Kummissjoni taqbel mal-approċċ propost mill-Qorti tal-Ġustizzja biex ma ssirx distinzjoni bejn talbiet għal deċiżjonijiet preliminari dwar l-interpretazzjoni u l-validità.

12. Fir-rigward tad-delimitazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet speċifiċi, jista' jkun mixtieq li jiġu ċċarati b'mod iktar ċar il-kwistjonijiet li fihom il-ġuriżdizzjoni għal deċiżjoni preliminari tiġi ttrasferita lill-Qorti Ġenerali, filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà meħtieġa sabiex jiġi żgurat li dawk il-kwistjonijiet jiġu delimitati b'tali mod li jippermettu l-attribuzzjoni billi jinkorporaw żviluppi fl-*acquis*. Dak l-objettiv jista', pereżempju, jinkiseb b'deskrizzjoni astratta iżda preċiża biżżejjed, fil-premessi tar-Regolament propost, tal-komponenti differenti ta' kull kwistjoni speċifika kkonċernata fiż-żmien tal-adozzjoni tar-riforma mil-leġiżlatur.

13. Fi kwalunkwe każ, jista' jitfakkar li d-deċiżjoni ta' trasferiment ta' deċiżjoni preliminari li jmiss hija bla ħsara għal deċiżjoni li l-Qorti Ġenerali jkollha tieħu skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(3) TFUE u d-dispożizzjonijiet preċiżi li għandhom jiġu introdotti fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward.

**II.2 Fir-rigward tal-kundizzjoni li talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda "esklużivament kwistjoni speċifika waħda jew iktar"**

14. Il-Qorti tal-Ġustizzja tipproponi li l-Qorti Ġenerali ssir kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari li jaqgħu "esklużivament f'qasam speċifiku wieħed jew iktar", b'tali mod li talba għal deċiżjoni preliminari li tirrigwarda kemm dawn il-kwistjonijiet speċifiċi kif ukoll kwistjonijiet oħra tibqa' f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja.

15. Il-Kummissjoni taqbel ma' dan l-approċċ fil-prinċipju. Madankollu, hija tqis li huwa mixtieq li jiġi ċċarat, preferibbilment fil-premessi tal-abbozz ta' regolament, xi jfisser "esklużivament kwistjoni speċifika waħda jew aktar" fis-sitwazzjoni li tqum regolarment, fejn rinviju għal deċiżjoni preliminari jinkludi kwistjonijiet ta' interpretazzjoni jew validità ta' dispożizzjonijiet ta' att tal-Unjoni relatati ma' wieħed jew aktar mill-materji speċifiċi u kwistjonijiet ta' interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, prinċipji ġenerali tad-dritt jew tal-Karta.

16. Skont il-Kummissjoni, il-fatt li talba għal deċiżjoni preliminari teħtieġ interpretazzjoni tar-regoli dwar kwistjonijiet speċifiċi li hija konformi mad-dritt primarju jew internazzjonali, jew anki meta t-talba tinkludi kwistjoni relatata ma' att legali speċifiku li għandu, essenzjalment, kontenut ekwivalenti għall-prinċipji ġenerali tad-dritt jew tal-Karta, ma għandux jipprekludi t-trasferiment lejn il-Qorti Ġenerali.

17. Min-naħa l-oħra, talba għal deċiżjoni preliminari li tqajjem kwistjonijiet li ma jirrigwardawx, bħala tali, l-interpretazzjoni ta' att li jaqa' taħt wieħed minn dawn l-oqsma speċifiċi, iżda, pereżempju, dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, tal-prinċipji ġenerali tad-dritt jew tal-Karta għandhom jibqgħu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja anki jekk il-kuntest ġuridiku tal-kawża prinċipali jaqa' taħt wieħed minn dawn il-kwistjonijiet speċifiċi. L-istess approċċ għandu jiġi segwit meta qorti tar-rinviju tagħmel kemm domandi ta' interpretazzjoni jew validità ta' dispożizzjonijiet ta' att tal-Unjoni relatati ma' kwistjoni speċifika waħda jew iktar kif ukoll

[3] Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari wara l-adozzjoni tal-Kodiċi Doganali l-ġdid, li jissostitwixxi r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 269, p. 1.

kwistjonijiet awtonomi ta' interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, prinċipji ġenerali tad-dritt jew tal-Karta.

18. Fl-aħħar nett, huwa mixtieq ukoll li jiġu speċifikati l-modalitajiet ta' tqassim tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari li, minbarra l-kwistjonijiet relatati ma' kwistjoni speċifika waħda jew iktar, iqajmu, b'mod espliċitu jew impliċitu, kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew ta' ammissibbiltà (kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 267 TFUE u r-Regoli tal-Proċedura). Il-Kummissjoni għandha t-tendenza li ma tara l-ebda raġuni konvinċenti kontra trasferiment ta' tali talbiet lill-Qorti Ġenerali, peress li l-kundizzjonijiet għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew għall-ammissibbiltà ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari minn issa 'l quddiem iridu jiġu applikati miż-żewġ qrati.

**II.3 Il-proċedura tat-trasferiment**

19. Fir-rigward tal-proċedura ta' trasferiment, l-abbozz ta' regolament sempliċement jipprevedi li d-domandi preliminari kollha għandhom jiġu ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, li ser tressaq, individwalment, talbiet għal deċiżjoni preliminari dwar kwistjonijiet speċifiċi lill-Qorti Ġenerali wara li tivverifika li l-kundizzjonijiet diskussi fil-punti preċedenti huma ssodisfatti skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

20. Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda oġġezzjoni għal din ir-regola bażika dwar il-proċedura ta' trasferiment.

**II.4 Il-proċeduri u l-proċedura applikabbli għat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti Ġenerali**

21. Il-Qorti tal-Ġustizzja tipproponi li l-Qorti Ġenerali tisma' talbiet għal deċiżjoni preliminari li jiġu ttrasferiti lilha f'awli maħtura għal dan l-għan, skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tipproponi wkoll li jinħatar Avukat Ġenerali fil-kawżi kollha, għal darba oħra skont il-modalitajiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, filwaqt li huwa mifhum li tali indikazzjoni ma twassalx għall-preżentazzjoni sistematika ta' konklużjonijiet fil-kawżi kollha.

22. Il-Kummissjoni tappoġġa speċjalizzazzjoni akbar tal-Awli tal-Qorti Ġenerali. Dan huwa iktar u iktar importanti peress li t-trattament tad-domandi preliminari li se jiġu ttrasferiti lilha jeħtieġ, minbarra l-għarfien espert speċifiku f'materji speċifiċi, ħakma tal-modalitajiet tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, proċedura li hija differenti b'mod sinifikattiv minn dawk li l-Qorti Ġenerali kienet responsabbli għalihom sa dak iż-żmien. Il-Kummissjoni tqis li din ir-riforma tista' tipprovdi opportunità għall-Qorti Ġenerali biex tkompli r-riflessjoni tagħha dwar l-introduzzjoni ġeneralizzata ta' ċerta speċjalizzazzjoni tal-awli.

23. Sussegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali għandha tinkludi fir-Regoli tal-Proċedura tagħha, u effettivament tapplika fil-prattika, ir-regoli proċedurali kollha li jippermettu li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari jiġu ttrattati malajr, inkluża, b'mod partikolari, il-possibbiltà li tingħata deċiżjoni mingħajr seduta għas-sottomissjonijiet orali jew mingħajr il-konklużjoni tal-Avukat Ġenerali jew permezz ta' digriet motivat. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li jkun partikolarment xieraq li l-Qorti tal-Ġustizzja tadotta prattika li tiżgura li, f'każijiet fejn il-konstatazzjonijiet jiġu effettivament mogħtija, dawn jingħataw malajr ħafna wara s-seduta, jekk ikun hemm waħda, sabiex ma jkunx hemm dewmien fid-deliberazzjoni tal-każ u fid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali.

24. Fl-aħħar nett, fir-rigward tan-nomina tal-Avukati Ġenerali, il-Kummissjoni bħala tali ma għandha l-ebda oġġezzjoni għad-dispożizzjoni proposta mill-Qorti fl-abbozz ta' emenda għall-Istatut. Il-Kummissjoni tqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-arranġamenti għall-ħatra tal-Avukati Ġenerali li għandhom jintgħażlu minn fost l-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali, f'konformità mal-Artikolu 49 tal-Istatut. Fost l-għażliet possibbli, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li tiġi esplorata l-possibbiltà li jiġi previst li mħallef li jappartjeni għal awla differenti minn dik li lilha tkun ġiet assenjata t-talba għandu jissodisfa għal ċertu perijodu, li ma għandux ikun iqsar minn tliet snin, ir-rwol ta' Avukat Ġenerali, jew għar-rinviji għal deċiżjoni preliminari kollha assenjati lil dik l-Awla, jew għal rinviji għal deċiżjoni preliminari li jaqgħu taħt qasam speċifiku wieħed jew iktar.

## III. Konklużjonijiet

25. Il-Kummissjoni tagħti opinjoni favorevoli dwar l-abbozz ta' emenda tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat mill-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Novembru 2022.